MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1088/2006

**Sebastian Briffa**

**vs**

**Omar Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Sebastian Briffa, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

L-attur huwa proprjetarju ta’ spira tal-ilma li hija debitament irregistrata skond il-ligi, liema spira tinstab gewwa Triq ic-Cawsli, Qormi, mil-liema spira inti accettajt illi tixtri u takkwista konsenji tal-ilma li inti debitament garrejt permezz tal-vettura DAE-429.

Wara kuntratt ta’ bejgh konkluz bejnek u bejn Oliver Briffa datat tnejn (2) ta’ Gunju 2003 dwar il-bejgh u trasferiment

ta’ truck, cioe’ bowser tal-ilma bin-numru ta’ registrazzjoni DAE-429, l-attur sabiex jassikura illi inti thallas lil ibnu, il-bilanc dovut fuq l-imsemmi truck kien tak l-opportunita’ illi thallsu ghall-konsenji tal-ilma wara illi tispicca thallas l-imsemmi truck. Illi din il-koncessjoni saret minghajr ebda skrittura u semplicement ex gratia mill-attur sabiex jghin il-konvenut ihallas il-bilanc tal-pagamenti dovuti lil ibnu, tali koncessjoni saret fil-prezenza tal-avukat Dr. Matthew Brincat waqt li kien qed jigi ffirmat il-kuntratt ta’ bejgh tal-vettura.

L-ammont totali dovut mill-konvenut ghall-konsenji tal-ilma jammonta ghal hdax-il elf, seba’ mija u sittin Lira Maltin (Lm11,760.00).

Skond il-kuntratt tal-bejgh tal-vettura li mieghu l-attur m’ghandu ebda relazzjoni guridika, kien sar fit-2 ta’ Gunju 2003 u l-pagamenti tal-bilanc kellhom skond l-istess kuntratt jithallsu sal-1 ta’ Ottubru 2004. Illi in effetti, il-konvenut kien hallas l-istess truck tardivament u cioe’ sat-30 ta’ Mejju 2005.

Ezatt meta spicca jhallas it-truck beda jhallas il-konsenji tal-ilma u dawn il-pagamenti bdew fit-30 ta’ April 2005 sponjatament u fuq ir-records moghtija mill-konvenut.

L-attur immedjatament installa meter sabiex proprju jkun ezatt dwar il-konsenji u l-ammonti li l-konvenut kien qed jiehu. Huwa jaf l-ammont ta’ xoghol involut u kemm-il darba kuljum kienu jittiehdu konsenji. Illi mal-istallar tal-meter, il-konvenut naqqas il-konsenji drastikament u beda jiehu konsenji tal-ilma minghand fornituri ohrajn kif jista’ jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh tar-rikors.

Ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-imsemmija ammonti rapprezentanti konsenji tal-ilma u naqas li jhallas.

Permezz ta’ ittra legali datata 4 ta’ Mejju 2006 hawn esebita u mmarkata Dokument C, is-socjeta’ attrici interpellat lill-konvenut sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti.

Is-socjeta’ attrici interpellat lill-konvenut ulterjorment permezz ta’ ittra ufficjali datata 24 ta’ Lulju 2006 debitament notifikata lill-konvenut, Dokument D, liema ittra baqghet in kontestata.

Il-konvenut, minkejja li gie interpellat kif premess u anke mitlub verbalment mill-attur sabiex ihallas l-ammont rikjest baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Dawn il-fatti naf bihom personalment.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara illi l-konvenut debitur versu s-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hdax-il elf, seba’ mija u sittin Lira Maltin (Lm11,760.00) ammont dovut ghall-konsenji tal-ilma mehuda u accettati mill-konvenut;

Tordna l-konvenut ihallas l-imsemmija somma lill-attur, kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Lulju 2006 u tal-Mandati Kawtelatorji prezentati ma’ dan l-Att kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Omar Micallef, li in forza taghha, eccepixxa illi:

Il-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors tal-attur mhux kontestati;

Il-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-attur huma kontestati billi ghad-differenza ta’ dak li jinghad mill-attur, il-ftehim ma kienx biss fis-sens li jkun hemm dilazzjoni ghall-hlas tal-ilma li huwa, il-konvenut, kien ser jiehu minghand l-attur imma li l-attur, bhala parti integrali mil-ftehim tal-bejgh tat-truck kellu jforni lill-konvenut b’ilma b’xejn ghaz-zmien mehtieg sakemm jithallas l-ahhar

pagament tat-truck, billi l-prezz tat-truck kellu jithallas b'rati mensili ta' Lm500 fix-xahar;

Il-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tar-rikors tal-attur huma kontestati billi l-ebda ammont ma huwa dovut, u anke kieku, il-konvenut ma hax tant ilma daqskemm qieghed jippretendi li ha l-attur; huwa rilevanti f'dan il-kuntest li tant il-ftehim kien li ma kellu jsir l-ebda hlas li l-partijiet ma zammewx kont tal-ilma li ttiehed f'dak il-perjodu, u ma jistax l-attur issa jippretendi dan il-hlas; fi kwalsiasi kaz l-ammont ta' ilma li ttiehed mill-konvenut huwa ferm inqas minn dak li qieghed jippretendi l-attur;

Il-fatti kif dikjarati fir-raba' paragrafu tar-rikors tal-attur mhux kontestati, pero' li ttardja jhallas kien bi ftehim ma' iben l-attur u fil-fatt wara li kien skada t-terminu ghall-hlas tat-truck huwa beda mill-ewwel ihallas tal-ilma, li wara dak il-perjodu kien qieghed jiehu;

Il-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tar-rikors tal-attur huma kkontestati fis-sens li l-konvenut beda jhallas lill-attur minn Ottubru 2004 tal-ilma li beda jiehu wara dik id-data; fil-fatt l-ewwel pagament kien sar in kontanti u wara l-pagamenti kienu jsiru b'cheque;

Il-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tar-rikors tal-attur huma kkontestati fis-sens li mhux minnu li naqas li jiehu ilma minghand l-attur, il-konvenut, minhabba li dan kien installa meter tal-ilma, imma huwa minnu li dan il-meter kien gie installat wara Ottubru 2004 u mhux qabel;

Il-fatti kif dikjarati fis-seba' paragrafu tar-rikors tal-attur huma kontestati ghaliex il-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attur;

Il-fatti kif dikjarati fit-tmienja, disgha u ghaxar paragrafi tar-rikors tal-attur huma kkontestati fis-sens li, ghalkemm il-konvenut ircieva l-interpellazzjonijiet tal-attur huwa mill-ewwel informah li ma kellu jaghtih xejn u spjega mill-ewwel x'kienet il-pozizzjoni tieghu;

Il-konvenut jaf dawn il-fatti personalment.

Eccezzjonijiet:

L-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut billi skond il-ftehim mal-attur ma kellu jsir l-ebda hlas ta' dak l-ilma li kien qieghed jiehu l-konvenut minghand l-attur tul il-perjodu sakemm hallas it-truck mixtri minghand iben l-attur u dan kif spjegat hawn fuq;

Fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' ilma li ha l-konvenut minghand l-attur huwa ferm inqas minn dak pretiz u l-ammont dovut huwa ghalhekk, jekk tigi rigettata l-ewwel eccezzjoni, inferjuri ghal dak pretiz.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet lix-xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob hlas ta' konsenji ta' ilma li l-intimat ha mill-ispiera tal-istess rikorrenti. L-intimat isostni li l-ftehim bejniethom kien li ma kellux isir hlas tal-ilma mtella' mill-ispiera matul il-perjodu li l-intimat ikun ghadu qed ihallas id-dejn li kellu fuq il-bowser ma' Oliver Briffa, iben l-istess attur.

Mill-provi prodotti jirrizulta li iben l-attur ittrasferixxa lill-konvenut negozju ta' garr ta' ilma bil-bowser. Gie trasferit il-bowser innifsu flimkien mal-kuntratti u kuntatti li kellu iben l-attur ma' klienti kbar bhall-fabbriki u lukandi. Il-hlas ghal dan kien rateali. Kontemporanjament, intlahaq ftehim bejn il-partijiet illi ma jsirx hlas ghall-ilma mehud mill-ispiera sakemm ikun inqata' d-dejn lill-iben l-attur. Oltre minn hekk, tibda d-divergenza bejn il-partijiet dwar x'kien

fil-fatt miftiehem. L-attur jinsisti li l-konvenut, meta jibda jhallas kellu jhallas ukoll tal-ilma mehud qabel, u cioe' waqt li kienu ghadhom qed isiru l-pagamenti ghall-bowser. Il-konvenut isostni illi ghall-ilma mtella' f'dan il-perjodu ma kien dovut ebda hlas.

L-attur, fl-affidavit tieghu jixhed hekk:

"*Biex in-negozju jsehh, accettajt li Omar ihallasni tal-ilma li jiehu minghandi bid-dejn. B'hekk huwa l-ewwel ihallas lit-tifel, li skond il-ftehim (kopja annessa) id-dejn kellu jinqata' kollu sal-1 ta' Ottubru 2004 u wara jibda jaqta' d-dejn mieghi. Fil-fatt, Omar dam biex jaqta' d-dejn ma' Oliver Briffa sal-1 ta' Frar 2005 (erba' xhur wara dak li ftehmu). Jien trankwillament stennejt lil Omar jehles minn mat-tifel u wara jibda jhallas lili.*

*Sadanittant jiena dejjem kont infakkar lil Omar biex jaghtini rendikont tal-ilma li jiehu u huwa dejjem jghidli ... 'halli f'idi, jien qed inzomm kont ta' kollox' ... L-izball tieghi kien li fdajtu b'rispett ta' familtu, li jiena kont diga' naf. Barra hekk jien kelli idea cara ta' kemm kien qed jiehu ilma ghax kont naf ezatt x'kwantita' ta' xoghol kien igorr ibni u qablu jiena. Ahna ilna f'dan ix-xoghol ghal hafna snin u Omar baqa' jgorr l-ilma lill-istess klienti kbar li kellna ahna.*

*Wara li kont naf li hallas id-dejn li kellu ma' Oliver, kont bdejt nissikka biex jibda jaqta' d-dejn mieghi. Fl-ahhar, fit-30 ta' April 2005 ghaddieli s-somma ta' Lm120 u qalli li dan kien pagament tax-xahar ta' April 2005. Jien fakkartu li huwa kellu jibda jaqta' d-dejn l-antik billi jhallas ta' xahrejn kull xahar, kif konna ftehmna. Fil-fatt, xahar wara, fit-30 ta' Mejju 2005, huwa tani Lm240 u qalli li huma ta' xahrejn, ta' Mejju 2005 u tal-ewwel xahar li beda jiehu l-ilma minghandi, ezatti Gunju 2003.*"

In kontro-ezami jkompli jikkonferma:

"*... id-diskors kien illi jhallasni wara li jhallas lit-tifel imma jhallas tax-xoghol li jkun ha mill-bidu nett.*"

L-Avukat Matthew Brincat, li kien prezenti meta sar il-ftehim u fil-fatt irrediga l-iskrittura ta' trasferiment tal-bowser jikkonferma:

"*Niftakar b'certezza illi l-attur kien qallu - thabbilx rasek, ehles lit-tifel u wara hallas lili, jien nistenna, basta tehilsu -. Cert li ma ntqal ebda diskors li seta' jifhem li l-attur kien ser jaghtih xi ilma minghajr hlas.*"

Xehedet ukoll bint l-attur, Pauline Millo, li tezercita l-professjoni ta' Certified Public Accountant u li dejjem hadet hsieb il-kontijiet tan-negozju ta' missierha. Hija hejjiet prospett tal-ammont dovut, ammont mahdum fuq stimi taghha a bazi tal-kontijiet tan-negozju tal-ilma tal-hafna zmien qabel, kontijiet konfermati mid-diversi klienti.

Il-konvenut isostni illi:

"*Meta tkellimna fuq l-ilma, Bastjan qalli li l-ilma kien ibieghu Lm3 kull bowser. Jien ghidtlu jekk jistax inaqqasli l-prezz u f'dak il-mument qam bilqieghda u qalli 'sakemm thallas lit-tifel tal-ilma ma rrid xejn'.*"

Ommu, Marianne Micallef, tikkonferma li:

"*Waqt li kulhadd kien kwiet, Bastjan qam u qallu 'biex tiehdu int zgur, sakemm thallas lil Oliver tal-ilma ma rrid xejn.*"

Fl-iskrutinju li ghamlet il-Qorti f'din il-kawza, qieset ix-xhieda kollha fid-dawl tal-principju illi fil-kampcivili jehtieg ic-certezza morali msejsa fuq il-bilanc ta' probabilitajiet. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li aktar ghandha mis-sewwa l-verzjoni tal-attur. Issibha ferm difficli temmen li l-attur, li ghalkemm kien jaf il-familja tal-konvenut, ma kellu ebda konnessjoni familjari mieghu, kien dispost icedi negozju konsiderevoli ghall-perjodu ta' zmien minghajr ma jesigi kumpens. Temmen li, avolja jidher li l-intenzjoni kienet li jagevola lill-konvenut, fil-fatt id-decizjoni li jipposponi l-pagamenti kienet mehuda b'mohh ta' negozjant ghaliex kien jaf li l-konvenut kien ser jibqa'

kostrett jixtri minghandu meta haddiehor li kien imhajjar jixtri l-bowser kellu sors tieghu tal-ilma.

Il-liberalita' fil-kummerc hija eccezzjonali. Ma tista' qatt tigi prezunta. Trid, ghall-kuntrarju, tigi pruvata minghajr dubju.

Fattur iehor li kkunsidrat din il-Qorti kien li, meta qata' d-dejn tal-bowser, il-konvenut beda jhallas skond ir-records tieghu u xahar minnhom, fil-fatt hallas doppju biex ikopri xahar mid-dejn ta' qabel. Deher li kien dispost jibqa' jaghmel hekk sakemm fil-fatt gew stallati l-meters u nstab li l-konsum kien hafna akbar minn dak li kien hallas ghalih hu meta gie fdat jiddikjara x'tella'.

Fil-kawza "**Emmanuel Ciantar vs David Curmi noe**" (Prim'Awla, Imhallef Ph. Sciberras, 28 ta' April 2003), il-Qorti enfasizzat illi:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanctal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*"

Ghar-rigward tal-prospett prezentat minn Pauline Millo, il-konvenut ma gab lill-Qorti ebda raguni sabiex tiddubitah. Il-prospett alternattiv imhejji mill-konvenut isemmi xi hlasijiet ohra li, madanakollu, ma gewx sostanzjati b'ebda mod. Lanqas ghal dawk li huma pagamenti b'cheque, hlief ghal cheque wiehed ta' mitejn u sittin Lira Maltin (Lm260) li jirreferi ghall-perjodu in kwistjoni. Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur hdax-il elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500).

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara li Omar Micallef ghandu jhallas lil Sebastian Briffa s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, seba' mija u sebgha u tmenin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€26,787.79) ekwivalenti ghal hdax-il elf u hames mitt Liri Maltin (Lm11,500), bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------